**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can), Ph.D.**

**Appell Nru: 431 / 2014**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Noel Ellul**

Illum 15 ta' Frar 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Noel Ellul, ta' 32 sena, iben Felix u Joan nee` Camenzuli, imwieled il-Pieta` nhar l-20 ta' Dicembru, 1981, u residenti 64, Flat 8, Triq ix-Xitwa, Qormi, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 24682 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn is-26 u 27 ta' Ottubru, 2013, u matul is-sitt xhur ta' qabel din id-data:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew jipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap.

101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tas-sitt (6) Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. Talli ikkommetta l-imsemmija reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club, jew centru taz-zghazagh jew xi post simili fejn

normalment jiltaqghu z-zaghzagh, skont l-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar 25 t' Ottubru, 2021, fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22 (1) (a), 22 (2) (b) (i) u t-tieni proviso tal-Artikolu 22 (2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, kif ukoll l-Artikolu 17 (h) tal-Kodici Kriminali, sabet lill-imputat Noel Ellul hati tal-imputazzjonijiet kollha kif migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghall-piena ta' tmien (8) xhur prigunerija effettiva u multa ta' sitt mitt ewro (€600) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

In oltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, ikkundannat lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut fil-mori ta' dawn il-proceduri, ammontanti ghas-somma ta' mitejn, erbgha u ghoxrin ewro u ghoxrin centezmu (€224.20), liema spejjez ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien tliet (3) xhur mil-lum.

Ordnat id-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dok. JF, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi proces-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza sa mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Noel Ellul, ipprezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-8 ta' Novembru, 2021, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tapplika fil-konfront tal-esponenti l-provvedimenti tal-proviso tal-Artikolu 22 (9) tal- Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u b'hekk tiddepartixxi mill-provvedimenti tassattivi ghal piena karcerarja a tenur tal-istess, u minflok tapplika il-provedimenti mahsuba ai termini tal-Artikolu 21 u 28 A tal-Kodici Kriminali.

Rat illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet sewwa meta rriferiet ghall-aggjornamenti tal-Kapitolu 101 Artikolu 22 (9) tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-aggravju tal-esponent huwa fil-konfront ta' kif l-Ewwel Qorti applikat dawn l-emendi fil-konfront tar-rizultanzi processwali.

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti hasset li ma setghetx tapplika l-provvedimenti godda msemmija, ossia it-terminology tal-proviso tal-istess li kienu jintitolaw lill-esponent ghall-beneficcji tat-tifsira gdida tat-traffikar 'by sharing' ghaliex irrizultalHa "l-imputazzjonijiet odjerni ma jirreferux biss ghal lejl in kwistjoni, izda wkoll ghas-sitt xhur ta' qabel, u ghalhekk ic-cirkostanzi tal-kawza odjern ma jissodisfawx ir-rekwiziti li trid il-Ligi sabiex ikun jista' jinghad li dan kien traffikar jew pussess aggravat '*by sharing*'."

Illi l-provi materjali li kellha quddiemHa l-Ewwel Onorabbli Qorti rigward pussess u traffikar '*by sharing*' huwa sottomess li kien jirrigwarda biss "il-lejl 26 u 27 ta' Ottubru 2013". F'dan rigward safejn si tratta pussess semplici tad-droga kokaina, kif intqal l-esponent kien irregistra ammissjoni.

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti bir-rispett huwa sottomess ma kellha l-ebda prova quddiemHa dwar is-susstanza li allegatament forna l-esponent lil shabu fis-sitt xhur ta' qabel. Minkejja li huwa jghid li fil-passat u cioe' qabel is-26 u 27 ta' Ottubru 2013 huwa kien forna *'by sharing'* lil shabu bl-istess mod li kien intenzjonat li ghamel fil-jiem imsemmija, il-prova regina li tehtieg sabiex jintqal li sitt xhur qabel hu kien attwalment forna d-droga kokaina ghal kollox nieqsa.

Illi sabiex jintqal minghajr dubbju dettat mir-raguni li l-esponent huwa hati ta' traffikar tas-sustanza kkontrollata, jehtieg illi jkun hem il-prova xjentifika is-sustanza nnifisha hija fil-fatt medicina kkontrollata.

Ma kien hemm l-ebda prova quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti li abbazi taghha ghalhekk setghet tikkonkludi li dan ma kienx kaz t' "*avventiment wiehed minghajr profit*" u ghalhekk kienet mizmuma li tapplika dispozizjonijiet tal-Artikolu 22 (9) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2022.

**Ikkunsidrat,**

L-appellant jilmenta fir-rikors tal-appell tieghu li l-ewwel Qorti m'ghamlitx apprezzament tajjeb tal-provi tant li waslet ghal konkluzjoni zbaljata dwar l-akkuza ta' traffikar ta' droga u dan ghaliex fil-fehma tar-rikorrenti huwa semmai kellu jinstab hati biss tar-reat ta 'traffiking by sharing'.

Illi l-aggravju principali tal-appellant jirrigwarda l-apprezzament tal-provi traskritti li ghamlet l-ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-

konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : **Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[1]; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[2];**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[3]; **Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[4] u ohrajn .)

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza **R. v. Cooper**[5] (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

> *"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to*

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta' Mejju 1994
[2] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar -14 ta' Frar l989
[7] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991

[5] 1969] 1 QB 276)

*whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed.*[6]*"*

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet: **Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt**[7], inghad illi :-

> *"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba lgudizzju … , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lillversjoni minnhom emmnuta."*

Illi dan ghaliex din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semghet hi x-xhieda jixhdu viva voce kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti, imma tkun qed toqghod biss fuq id-depozizzjonijiet traskritti u ghalhekk, fejn si tratta ta' valutazzjoni ta' kredibilita' ta' xhieda, l-Ewwel Qorti jkollha vantagg ghax tkun semghat ix-xhieda u rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda.

Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Din il-Qorti pero' taghmel ezami

---

[6] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-1 ta' Dicembru 1994

approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "safe and satisfactory" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Ghalhekk din il-Qorti ghamlet apprezzament tal-provi prodotti.

Illi nhar id-19 ta' Gunju 2015 xehed **PS 1500 Alfred Cutajar**[8] u spjega li bejn il-lejl tas-26 u 27 ta' Ottubru 2013 kien qieghed duty Paceville fejn l-area tal-parking tal-Axis u kienu waqfu lil certu Noel Ellul l-akkuzat prezenti fejn waqt search mill-but tal-qalziet ta' wara elevaw borza li fiha kellha sitt boroz zghar li kienu jikkonsistu fi trab abjad suspettati droga kokaina. Minnufih tawh il-caution ukoll tal-pulizija u avzaw lill-Ispettur Johann Fenech u haduh id-depot ghal iktar investigazzjoni.

Jghid li kien fil-kumpanija ta' PS Johann Micallef. Jghid li kienu iktar pulizija izda mhux jghamlu search fuq l-akkuzat.

Illi fid-19 ta' Gunju 2015 l-appellant irregistra ammissjoni ghall-akkuza ta' pussess semplici tad droga Kokaina u dan meta gie imwaqqaf mill-pulizija gewwa Paceville.

Nhar it-18 ta' Novembru 2015 xehed l-**Ispettur Johann Fenech**[9] u spjega li bejn il-lejl tas-26 u 27 ta' Ottubru 2013 membri tal-Iskwadra kontra d-droga kienu qed jaghmlu xi raids gewwa Paceville. Gew arrestati xi zaghzagh fuq suspett ta' abbuz ta xi droga u fosthom gie arrestat l-appellant. Fuqu instab plastic bag zghir illi kien fih sitt pakketti zghar ohra kontenenti go fih madwar 4.5 grammi ta' trab abjad suspettat droga gol-but tal-jeans tieghu. Din l-istess Droga giet prezentata u markata bhala dok JF.

Sussegwentement l-appellant gie arrestat u ittiehed fl-ufficcju tieghu gewwa id-depot biex ikemu fit-tul. Inghata is-solita twissija li ghandu dritt jibqa sieket u ma iwegeb

8 Fol. 7 tal-process
9 Fol. 11 tal-process

ghal xejn. Tah ukoll id-dritt li jkellem avukat pero dak il-lejl ghazel li ma jkellimx avukat u l-ghada fis-27 ta' Ottubru 2015 irrilaxja stqarija fl-ufficcju tieghu. Din tikkonsisti f'zewg pagni. L-appellant ikkopera mieghu fis-sens illi qallu li dik is-sustanza li sabu fuqu kienet kokaina u fil-fatt xtraha l-gimgha ta' qabel ghal prezz ta' €300. Qallu li kien ilu jabbuza mill-kokaina ghal dawk l-ahhar snin u l-ahhar okkazjoni fejn kien ha l-istess droga kien xahar qabel ma kien gie arrestat. Ellul ma setax jghatih dettalji tan-nies minghand min kien xtara dik l-istess droga pero ammetta maghhom li mhux il-pakketti kollha li instabu ghandu kienu ghall-uzu tieghu. Fil-fatt qallu li tnejn minnhom biss kienu ghalih u l-kumplament kienu ghal shabu. Huwa staqsih jekk kienx ser izommilhom flus ta' dawn il-pakketti li kien ser jaghti lil shabu u fil-fatt qal li kien ser ibieghhom ghall-prezz ta' €50 kull wiehed. Fl-ahhar qallu li kien ilu ibiegh il-kokaina ghal dawk l-ahhar 4 xhur. Huwa pprezenta din l-istqarrija li giet markata bhala dok JF.1.[10]

Illi nhar l-21 ta' Novembru 2016 xehed in kontro ezami u kkonferma li l-appellant ma twaqqafx meta kien qed isuq kif suggerit mid-difiza izda meta kien gja gewwa Paceville u ma jidhirlux li kien qed isuq.  Fuq il-post kien hemm PS 1086 u PC 1500 huwa ma kienx fuq il-post.

**PS 1086 Johann Micallef** xehed nhar it-18 ta' Novembru 2015 u spjega li bejn il-lejl tas-16 u 27 ta' Ottubru 2013 huwa flimkien ma diversi membri tad-drug squad ghamlu tfittxija gewwa Paceville gejn gie imwaqqaf l-appellant u dana minnu u minn PC 1500. Fil-but tal-jeans tieghu instab li kellu madwar 6 qratas suspettati droga. Dawn gew migbura u mghoddija lill-ispettur ghal aktar investigazzjoni.  Muri d-dokument JF jgharaf it-tag bil-kitba tieghu li kiteb dakinhar stess.

Rat dak li gie verbalizzat nhar l-4 ta' Marzu 2016 fejn id-difiza stqarret li taqbel li l-appellant fil-jum in kwisjtoni gie imwaqqaf fil-car park tal-Axis gewwa Paceville u

[10] Fol. 14 tal-process

ghalhekk minghajr pregudizzju ghal htija o meno tal-akkuzi m'hemmx il-htiega li jitqabbad perit sabiex jistabilixxi d-distanza tal-mitt metru ai fini tal-aggravju tad-distanza.

Nhar l-4 ta' Marzu 2016 xehed ix-**xjentist Godwin Sammut** u dak kkonferma li nhar it-18 ta' Novembru 2015 kien gie nominat mill-Qorti u gabar envelop markat SB/576/2015 li kien jikkonsisti f'sitt qratas tal-plastic li kien fihom trab ta' lewn abjad. Ghamel analizi fuq dan it-trab u bhala konkluzjoni fuq it-trab ta' lewn abjad li hemm f'dan id-dokument instabet sustanza kokaina. Il-piz kien ta' 2.83 grami u l-purita kienet ta' circa 18%. Huwa pprezenta ir-rapport tieghu li gie markat bhala dok GS [11].

L-appellant **Noel Ellul** xehed minn jeddu u b'mod volontarju nhar il-21 ta' Marzu 2018 u stqarr li kien tielgha Paceville. Dahal idur f'post maghruf il-carpark tal-Axis ifittex parking u wafuh il-pulizija. Spjega li huwa jahdem Paceville bhala DJ fi club. Mieghu fil-karozza kellu habib li jismu Cain. Jghid li ma kienx wieqaf meta waqfuh il-pulizija kien qed ifittex parking. Jghid li kien qed jghamel manuvra biex idawwar meta gie imwaqqaf. Il-karozza hadha siehbu u hadha hdejn id-dar tieghu biex jipparkja kwazi Pembroke. Mistoqsi jekk jiftakar li kien irrilaxja stqarrija jghid li jiftakar. Ikkonferma li kien jabbuza mid-droga Kokaina. Qal li dakinhar kienu rebhu *tournament* tal-basketball u kien xoghol u kien ser jiltaqa' ma shabu u wara imorru per ezempju jiltaqghu ghandu jew ghand haddiehor u jiehdu l-kokaina bejniethom. Dakinhar kien bi hsiebna naghmlu hekk. Anke fi drabi ohra kien jigbor il-flus u jiltaqghu xi imkien u mmorru jiehdu l-coke flimkien. Jghid li shabu ituh il-flus u huwa imur jixtri l-kokaina bil-flus li jtuh. Din id-darba hekk gara ukoll. Jghid li dakinhar kienu tlett ihbieb dejjem l-istess tlieta. Wara imorru d-dar tieghu jew ta' haddiehor u joqghodu relax gewwa. Huwa kkonferma li jahdem bhala DJ u ghandu tifla pero' mhux mizzewweg. Fil-fatt, bintu hija disabled u ma timxix. Huwa flimkien ma ommha imantnuha. Fis-sajf tkun mieghu meta ma jkollhiex skola ghaliex ommha

[11] Fol. 21 tal-process

tahdem f'hanut. Meta ghidt li siehbi mar jipparkja l-karozza nghid li ma kienx hemm fejn tipparkja u ghalhekk huwa mar bil-karozza waqt li hu mar mal-pulizija. Shabu tawh €50 u biha tixtri nofs gramma Kokaina. Din il-bicca tax-xoghol li jixtri ghal shabu kienet ilha ghaddejja ftit xhur. Qal li kellu 6 pakketti ghaliex tnejn ghal kull wiehed minnhom. Qal li dakinhar shabu tawh €100 il-wiehed.

Fl-istqarrija li kien irrilaxja a tempo vergine nhar is-27 ta' Ottubru 2018 l-appellant jaghti verzjoni differenti. Jghid li jahdem bbhala Dj l-Havana u jsuq il-vettura tal-ghamla BMW 318 numru ta' registrazzjoni JBPP 132. Qal li jghix ma ommu. Mistoqsi jekk kellux kazijiet ohra mal-pulizija jghid li kellu kaz meta kellu sittax-il sena fuq joint. Ikkonferma li s-sitt qratas instabu fil-but tieghu. Kellu tlett grammi Kokaina. Il-borza kienet ilha ghandu mill-Gimgha li ghaddiet. Jispjega li kien xtraha l-Gimgha filghaxija u kien hallas ghaliha s-somma ta' €300. Mistoqsi jekk ghandux il-vizzju tad-droga jghid li m'ghandux u johodha okkazjonalment. L-ahhar darba li kien abbuza mid-droga kien xahar qabel u ilu jabbuza mid-droga ghal hames snin. Jghid li d-droga li nstabet fuqu ma kienitx kollha ghalih. Jghid ex admisses "Tnejn kienu ghalih u erbgha ghal zewgt ihbieb ohra." *Qal li lilhom kien izommilhom kemm kien xtrahom hu u cioe €50 il-borza. Shabu tawh il-flus il-Gimgha u is-Sibt kein ser imur jaghtihilhom*." Qal li kien ilu erba' xhur ibiegh id-droga lil shabu. Ikkonferma illi dejjem minghand l-istess persuna kien jixtri d-droga Kokaina. Qal li kien ser itihom id-droga barra Havana. Mistoqsi jekk kienx telgha Paceville wahdum jghid li le ma siehbu pero jikkonferma li siehbu ma kien jaf xejn bid-droga.

**Samantha Mifsud** xehdet nhar l-10 ta' Dicembru 2018 u kkonfermat li taf lill-appellant u dan ghaliex kellhom relazzjoni fil-passat u ghandha tifla minghandu. It-tifla illum ghandha tnax-il sena u ghandha bzonnijiet specjali. Ghandha 'Global development delay'. Ghandha problem fil-*mobility* u irid ikun hemm xi hadd maghha 24 hours. Qal li l-appellant jghinha bit-tifla meta ma ikollhiex ma min thalliha jiehu hsiebha l-appellant. Kull weekend johodha ghandu biex tkun tista tistrieh naqra u jkollha certu affarijiet li tkun tista taghmel. It-tifla tmur skola u anke l-club ta' 3 to 16 tehodha.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2022.

**Ikkunsidrat;**

Illi ma hemmx dubbju f'dan il-kaz li fil-lejl ta' bejn is-26 u 27 ta' Ottubru 2015 l-appellant kien fil-pussess ta' sitt qratas kokaina tant li huwa rregistra ammissjoni ghall-akkuza ta' pussess semplici nhar id-19 ta' Gunju 2015. Dak illi kkontesta l-appellant hi l-akkuza ta' traffikar ta' droga tant li anke fir-rikors tal-appell stqarr li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u dan ghaliex ma fehmitx li dan fil-fehma tieghu kien kaz ta' trafficking by sharing.

Jinghad li fl-istqarrija tieghu l-appellant jghid haga u viva voce il-Qorti jghid hag'ohra. Fl-istqarrija mehuda a tempo vergine jghid li kien xtara id-droga kokaina jum il-Gimgha u kien ser itiha lil shabu jum is-Sibt. Jghid ukoll li kien xtara d-droga ghal €50 il-pakkett fi flus li kienu tawh shabu pero li kien ser jghaddilhom din id-droga barra l-istabbiliment Havana. Meta xehed viva voce jghid li kien jaqsam din id-droga ma shabu u johduha flimkien jew gewwa daru jew fid-dar ta' xi habib. Meta xehed viva voce ma jghidx li fil-fatt kien xtara id-droga fl-istess jum li kien ser jikkonsmaha lanqas. Fil-fatt huwa biss meta xehed viva voce il-Qorti li l-appellant jipprova jghati - impressjoni li d-droga kienet ser tigi konsmata flimkien ma shabu, qatt qabel ma jghid hekk.

Illi fil-kamp penali dejjem gie ritenut li l-konfessjoni – popolarment maghrufa bhala l-istqarrija tal-imputat jew l-akkuzat – hija l-prova regina li tista' tressaq il-prosekuzzjoni biex tipprova l-htija tal-persuna akkuzata, dment li din tkun saret volontarjament u ma gietx imgieghla, jew mehuda b'theddid, jew b'biza', jew b'weghdiet jew twebbil ta' vantaggi (artikolu 658 tal-Kodici Kriminali). Illi ukoll jirrizulta illi l-appellanti inghata l-jedd jikseb parir legali qabel ma irrilaxxja dina l-istqarrija liema jedd huwa irrinunzja ghalih b'mod volontarju u ghalhekk ghadda

sabiex jaghmel id-dikjarazzjoni inkriminanti tieghu. Illi tali dikjarazzjoni hija ghalhekk wahda sufficjenti ghal biex il-Qorti tasal ghal sejbien ta' htija u dan sakemm ma hemmx xi prova illi tali dikjarazjoni tista' tkun wahda ivvizzjata, liema allegazzjoni ma jidhirx illi tressqet f'dan il-kaz, tant illi mil-verbal tas-seduta tal-4 ta' Marzu 2016,[12] jirrizulta illi d-difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli tressaq il-prova dwar il-volontarjeta' tal-istqarrija rilaxxjata mill-appellanti. Ghalhekk din il-Qorti sejra tabbracja il-verzjoni tal-fatti kif spjegati minnu fl-istqarrija u mhux kif qalhom viva voce l-Qorti. L-ewwel verzjoni hija iktar vero simili fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz.

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz fl-ismijiet **<u>Il-Pulizja Spettur Victor Aquilina Vs David De Cesare</u>**[13] **<u>fejn gie ritenuto li:</u>**

Illi l-kuncett ta' dritt li isawwar l-"iskuzanti" ghar-reat ta' traffikar jew kif inhu ahjar imsejjah it-trafficking by sharing, fejn allura hija prevista piena aktar miti minn dik tassattiva tal-prigunerija, giet introdotta fil-ligi taghna permezz ta' l-Att XVI ta'l-2006. Il-hsieb tal-legislatur mal-promulgazzjoni tal-emenda gie imfisser hekk:

> "Sal-lum kull każ ta' traffikar – żgħir jew kbir, sharing u mhux sharing – kien jaqa' taħt il-kappa tat-traffikar u allura, malli l-każ tiegħek jaqa' taħt din il-kappa, awtomatikament kien ikollok piena karċerarja tassattiva ta' sitt xhur. Jiġifieri l-aħjar li tista' tmur huwa li teħel sitt xhur ħabs. .... għalmin qiegħed jaqsam ma' xi ħadd ammonti żgħar ta' droga. Xorta jitqies bħala traffikar b'mod ġenerali, pero' mhux bilfors li l-ħati jintbagħat il-ħabs. Għalhekk m'aħniex qed inneħħu l-piena karċerarja għax-sharing imma qed ngħidu li fil-każ ta' sharing mhux bilfors li jkun hemm piena karċerarja.

[12] Fol-18 tal-process
[13] Deciza fis-27 ta' Settembru 2016

Din l-emenda qed nagħmluha b'tali mod li ma jkunx hemm xi ħadd li jipprova jużaha sabiex ma jmurx il-ħabs meta ħaqqu jmur il-ħabs. Qegħdin ukoll noħolqu l-parametri u nagħtu d-diskrezzjoni lill-qorti. Qegħdin ngħidu li d-droga li kellu ma kenitx sabiex jagħmel il-flus biss minnha imma l-intenzjoni tiegħu hija dik li jikkonsmaha personalment jew ma' xi ħadd ieħor. Barra minn hekk l-akkużat jista' jikseb dan il-benefiċċju għal darba waħda biss, jiġifieri jekk wara li l-qorti ma tkunx bagħtitu l-ħabs fil-każ ta' sharing u dan jerġa' jikkommetti reat ieħor ta' sharing, ikollu jmur il-ħabs bilfors, bil-piena minima karċerarja ta' sitt xhur.[14]"

Dan ifisser illi l-legislatur kellu f'moħħu dawk il-persuni li jkunu fil-pussess tad-droga f'ammonti zghar u li ma ghandhomx l-intenzjoni jaghmlu qliegh minnha, izda biss li jikkonsmawha huma stess jew inkella li jikkonsmawha ma' haddiehor. Dan ifisser allura illi f'dawn il-kazijiet biss it-traffikar, li allura jinkludi kull provvista ta' sustanza illecita lil terzi, jista' igorr piena alternattiva ghal dik karcerarja. Illi din il-mitigazzjoni fil-piena hija estiza ukoll ghar-reat tal-pussess aggravat.

Illi mid-dicitura tal-ligi johrog l-element formali tar-reat u cioe' l-hsieb pre-ordinat maghmul mill-hati illi jikkonsma dik id-droga li ikollu fil-pussess tieghu fl-istess post u fl-istess hin ma' ohrajn, liema intenzjoni tohrog iktar cara mill-qari tat-test ingliz fejn jinghad illi "*the offender intended to consume the drug on the spot with others.*" Dan certament ma jinkludix dik is-sitwazzjoni allura fejn l-hati ikun akkwista id-droga bl-intenzjoni li jghaddieha lil terzi kif gara f'dan il-kaz, li huwa kaz car u klassiku ta' persuna li qed tindahal biex tmur tixtri d-droga (f'dan il-kaz kokaina) sabiex tipprovdieha lil terzi u mhux bhal fil-kaz indikat mil-legislatur ta' dik il-persuna li akkwistat d-droga li imbaghad taqsamha ma' terzi fl-istess post u fl-istess hin li kienet

[14] Seduta parlamentari numru 388 tat-23 ta' Mejju 2006

qed tikkonsmaha hi, bhal per ezempju dik il-persuna li ikollha xi joint u tiddeciedi taqsmu ma' haddiehor. Minn dak li jghid l-appellanti stess huwa gie inkarigat sabiex jakkwista d-droga ghal haddiehor, tant illi gie mghoddi l-flus minghand shabu li ma jsemmix min huma, sabiex huwa jakkwista l-kokaina ghalihom. Allura hawn temergi il-figura tal-mandant, li qed jigi mibghut minn haddiehor biex jakkwistalu d-droga – figura li certament ma tistax tinkwadra ruhha fid-definizzjoni tal-ligi tat-trafficking by sharing. Kwindi din il-Qorti ma issib xejn x'ticcensura fid-decizjoni milhuqa mill-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward.

Illi anke meta giet biex tikkunsidra l-piena li kellha tigi inflitta l-Ewwel Qorti ghaddiet biex tinfliggi l-piena fil-minimum taghha u hadet in konsiderazzjoni l-fatt li d-difiza talbet ghal klemenza in vista tal-kundizzjoni fizika li minnha tbati bint l-appellant. Din il-Qorit taqbel ma l-ewwel qorti li f'dan ir-rigward fic-cirkotanzi partikolari tal-kaz il-Qorti m'ghandhiex is-setgha illi taghzel illi ma terrogax piena ta' prigunerija effettiva fil-konfront tal-appellant li hija piena mandatorja li tippredi l-ligi. Apparti l-fatt li l-appellant wettaq dawn ir-reati meta kien gja missier ta' minuri li sfortunatament ghandha bzonn l-ghajnuna ghax tbati minn kundizzjoni fizika. Huwa mistenni li persuna bhal l-appellant, kellu joqghod aktar attent li ma jwettaqx reati mete ghandu piz mixhut fuqu li jiehu hsieb lil bintu. Cio nonostante pero' din il-Qorti taqbel ma l-ewwel Qorti li f'dan il-kaz kellha tinghata piena fil-minimu taghha.

Illi gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti f'dawk ic-cirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excess*.

Ghaldaqstant din il-Qorti qeghda tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kemm fir-rigward mertu kif ukoll rigward il-piena inflitta u cioe tmien (8) xhur prigunerija u l-hlas ta' multa ta' sitt mitt ewro (€600) li jistghu jigu mhallsa b'rati

mensili u konsekuttivi ta' hamsin ewro (€50) skond l-artikolu 14 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Qeghda ukoll tikkonferma ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-kundanna tal-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-espert xjentist Dr. Godwin Sammut fil-mori ta' dawn il-proceduri fl-ammont ta' mitejn erbgha u ghoxrin ewro u ghoxrin centezmu (€224.20) liema spejjez ghandhom jithalsu fi zmien tlett xhur millum.

Tordna lid-Direttur tal-Qorti Kriminali sabiex jigbor il-multa inflitta u l-ispejjez tal-espert xjentist Godwin Sammut.

Finalment tordna ukoll d-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dok JF hekk kif is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur tal-Qorti li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzzjoi liema dokument ghandu jigi inserit fl-atti ta' din il-kawza sa mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Vera kopja

Nadia Ciappara
Deputat Registratur